MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 387/2005

Kawza fil-lista: 36

**A B f' ismu proprju, kif ukoll bhala kuratur ad litem tal-minuri C b' digriet mghoti fit-23 ta' Marzu 2006**
**Vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, u L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratrici Legali Hilda Mercieca nominati kuraturi deputati b' digriet moghti fit-23 ta' Marzu 2006 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D B li giet kjamata fil-kawza permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Frar 2006**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur kellu relazzjoni ma’ D B nee E, u frott taghha twieled il-minuri C fis-7 ta’ Lulju 1996 (Dok A);

Peress illi D B irregistrat lill-minuri C bhala iben F G stante illi dak iz-zmien kienet ghadha ghaddejja minn proceduri ghal annullament minn ma zewgha F G, pero’ wara s-sentenza ta’ l-annullament, il-minuri C gie registrat bhala iben missier mhux maghruf;

Peress illi wara li din l-Onorabbli Qorti ppronuncjat iz-zwieg D B ma’ F G null fl-1998, l-attur u D izzewgu fit-22 ta’ Jannar 1998 (Dok B);

Peress illi minkejja illi mart l-attur dejjem irrikonoxxiet lill-attur bhala l-missier naturali tal-minuri C, hija qatt ma hadet passi sabiex l-attur jigi formalment rikonoxxut bhala tali;

Peress illi xi zmien wara z-zwieg u cioe fis-sena 2003, mart l-attur bdiet relazzjoni ma’ persuna ta’ nazzjonalita Torka (Dok C);

Peress illi fil-fatt, hija harbet ma’ dan il-persuna lejn it-Turkija fis-sena 2004, u halliet lill-minuri ma’ l-attur.

Jghid ghalhekk il-konvenut prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghar-ragunijiet premessi ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri C

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta’ l-istess Numru 2001 tas-sena 1997 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi

dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-minuri ghandu jkun parti mill-kawza u l-interess tieghu ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi.

3. Illi l-omm tal-minuri Rose Anne B nee E ghandha tkun parti fil-kawza u jekk jirrizulta li tinsab assenti l-interessi taghha ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi.

4. Illi l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jigi dikjarat il-missier naturali tal-minuri C imwieled fis-7 ta' Lulju 1996 li fl-Att tat-Twelid numru 2001/1997 isem missieru mhux indikat.

Mill-provi rrizulta li l-minuri C twieled fis-7 ta' Lulju 1996 minn relazzjoni bejn l-attur u l-assenti D li f' dak iz-zmien

kienet ghadha mizzewwga lill-F G. Sussegwentement, wara li z-zwieg bejn il-konjugi G kien gie annullat fit-22 ta' Jannar 1998, l-attur izzewweg lill-imsemmija D nee' E. Fil-bidu taz-zwieg taghhom, il-konjugi B kienu jirrisjedu mal-genituri ta' l-assenti, li fix-xhieda taghhom ikkonfermaw li C minn dejjem kien meqjus bhala l-wild naturali ta' l-attur, minn binthom D.

Illi dan isib konfort shih fir-rapport xjentifiku tad-DNA li jikkonferma li C huwa l-wild naturali ta' l-attur [fol.13 et seq.].

Illi minn nota prezentata mill-attur fl-10 ta' April 2006 a fol.43 tal-process, jirrizulta li dana ghandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 0071900[L] u twieled fil-Yugoslavia, u meta twieled it-tifel huwa kellu 26 sena u kien joqghod il-Mosta, u missieru Stevan B ghadu haj.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u [1] tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri C; u [2] tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 2001/1997 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li jigi nserit l-isem A B bhala l-missier naturali tat-tarbija, flimkien mal-konnotati tieghu.

L-ispejjez ghandhom jigu sopporatati bejn iz-zewg partijiet ugwalment; izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------